**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**David Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 234/2024**

**Illum: 30 ta' April 2025,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar it-2 ta' April 2024 kontra:

**David Borg** ta' 45 sena, iben Paul Borg u Maria Assunta Borg nee' Borg, imwieled il-Pieta' Malta, nhar il-21 ta' Settembru tas-sena 1987:

**Akkuzat** talli barra l-istabbiliment Nine Lives li jinsab fi Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) ghall-habta ta' bejn il-hamsa u nofs (17:30hrs) u s-sebgha u nofs (19:30hrs) ta' filghaxija:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Raymond Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' numru 171965M, f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza

ta’ natura gravi fuq l-istess Raymond Mifsud hekk kif gie iccertifikat minn Dr Nicole Galdes;

2. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien wara li kien instab hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza, u cioe ta’ Raymond Mifsud, jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza u l-familja taghha, ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’ kaz ta’ htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi. [1]

[1] Folio 1 u 2 tal-process.

Rat li l-imputat wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti fis-seduta tal-24 ta' Frar 2023.[2]

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat il-pre-sentencing report ezebit mis-Sur Ivan Sultana, ufficcjal tal-probation u li gie immarkata bhal Dok IS;[4]

Rat li l-*parte civile* tramite l-avukat tieghu iddikjara li qed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u jiddikjara ukoll li ma ghandux aktar interess f'dawk il-proceduri.

Rat li waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2025 l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi.[5]

Rat l-atti kollha tal-kaz.
Semghet ix-xhieda.
Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.
Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

[2] Folio 15-17 tal-process.
[3] Folio 9 tal-process.
[4] Folio 98 sa 109 tal-process.
[5] Folio 152 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda aggressjoni li saret mill-imputat fuq Raymond Mifsud nhar il-31 ta' Marzu 2024 fl-istabbilment Nine Lives li jinsab fi Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar. F'din l-aggressjoni l-imputat sofra griehi gravi.[6]

**Ikkunsidrat:**

L-artikoli tali-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fic-citazzjoni huma s-segwenti 214, 215, 216, 218, u 338(dd).

Fuq l-offiza volontarja fuq persuna l-ligi nostrana tipprovdi s-segwenti:

*Sub-titolu II*

*FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA*

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.*

*215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

…………………………………………………………………..

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*

[6] Folio 20 sa 25 tal-process.

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*
*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

…………………………………………………………………………….

**Ikkunsidrat:**
In vista tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fir-rigward tal-akkuzi kollha, il-Qorti tqis illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputat jirrizultaw pruvati.

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti tqis li ghandha tikkonsidra primarjament ir-rapport tal-espert mediku Dr. Edward Basile Cherubino a folio 45[7] tal-atti processwali kif ukoll is-social enquiry report tas-Sur Ivan Sultana datat 16 ta' Ottubru 2024 aFolio 96 sa 110.

Jidher bic-car li l-imputat ma ghandux problemi socjali jew dawk ikkawzati minn sustanzi stupefacenti u ghaldaqstant il-Qorti tqis li ma ghandhiex tahli r-rizors tal-Ufficcju tal-Probation li tant huwa impenjat biex isegwi persuni li verament ghandhom bzonn supervizjoni.

[7] Ma jidhirx li l-griehi riportati kellhom xi konsegwenzi serji. Ara Folio 51 tal-process.

Il-Qorti hadet ukoll nota li l-imputat ma ammettiex mal-ewwel ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk hela hafna hin tal-awtoritajiet koncernati. Il-Qorti tinnota ukoll li l-imputat ma ghandux fedina penali netta ghalkemm din tal-ahhar mhix wahda inkwetanti.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 218, 49 u 338(dd) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta qed issibu lill-imputat **DAVID BORG HATI** tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien **tlett** snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lil hati li jhallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali is-somma ta' tlett mija u disgha u sittin Ewro u zewg centezmi (€369.02) fi zmien gimgha mil-lum.[8]

Ai termini tal-artikolu 383(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed torbot lil hati biex ma jimmolestax bl-ebda mod lil **Raymond Mifsud** ghal perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum taht penali ta' elfejn Ewro (Ewro 2,000)

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorox l-istess u ma jottemporax ruhu ma' dak hawn fuq deciz.

[8] Folio 66 tal-process.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija illum 30 t'April 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur